**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 13 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1042/01 AE**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Luciano Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88), in kwantu ghal sitta u sittin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm66.85) Royalty u ghaxar liri Maltin u tlett centezmi (Lm10.03) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in

konnessjoni mal-licenzja numru 8979 rigward l-istabbiliment Luciano Pizza Pasta Café, ghall-perjodu mis-6 ta' Mejju 2001 sal-5 ta' Mejju 2001.

Semgha lill-prokuratrici legali Josette Attard tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti tat-2 ta' Novembru 2001 u tal-lum.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici kif dedotta u jikkudanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitta u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm76.88), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (ghat-tenur ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**